MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 2760/1997/1

**Kevin Chircop**

**v.**

**Joseph Chircop**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004.

**2.** Permezz ta' citazzjoni presentata fit-2 ta' Dicembru 1997, l-attur Kevin Chircop ippremetta li huwa jigi iben Carmelo sive Charles Chircop; illi bejn il-kontendenti u l-awtur tal-attur kien sar ftehim kif kellha tigi zviluppata art fil-bajja ta' San Giljan u dan billi kellu jitwaqqa' bini ezistenti u jsir il-qsim tal-istess proprjeta` u in segwitu jitla' bini gdid iehor, bl-intiza li jinfethu hwienet flok dawk li kienu jezistu qabel, u dan skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. G. Bonello du Puis tat-3 ta' Novembru 1995; ippremetta wkoll li skond dan il-kuntratt il-partijiet intrabtu illi hadd ma jaghmel oggezzjoni bejniethom ghal kull negozju fil-postijiet li ghandhom jew li jtellghu flok dak li hemm, kemm ghalihom personalment u kemm jekk ikun hemm kumpanniji li fihom l-istess partijiet ghandhom ishma. Kompla jfisser Kevin Chircop fl-att promotorju illi l-partijiet, ghall-osservanza ta' din l-obbligazzjoni, imponew vicendevolment penali ta' hamsin lira (Lm50) ghal kull gurnata li jkun hemm dewmien. Skond l-attur, il-konvenut Joseph Chircop fil-fatt ghamel oggezzjoni jew inkella naqas milli jiffirma l-applikazzjoni mehtiega mill-Pulizija biex ikunu jistghu johorgu l-permessi relattivi, u ghalhekk gie li kiser l-obbligi kontrattwali. L-attur ghalhekk talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallsu "is-somma li tirrizulta dovuta bhala penali ghad-dewmien" da parti tal-imsemmi konvenut sabiex inehhi l-oggezzjoni sabiex fond partikolari – 9A St. George's Bay, San Giljan – jista' jinfetah bhala hanut, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

**3.** Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet presentata fit-30 ta' Lulju 1998, Joseph Chircop eccepixxa hekk:

"1. Illi hemm mill-anqas zewg kawzi ohra pendenti, wahda civili u l-ohra kriminali, u ghalhekk pendenti lite din il-kawza ghandha tigi sospiza sakemm l-imsemmija kawzi jigu decizi, ghax id-decizjonijiet taghhom huma sine qua non ghad-decizjoni ta' din il-kawza;

"2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante dan li gej:

"3. Illi l-imsemmi ftehim tad-disgha ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (09/10/95) milhuq bejn il-partijiet koncernati huwa inkorporat fil-kuntratt tat-tlieta ta' Novembru ta' l-istess sena (03/11/95) fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis f'dak li jirrigwarda "l-isvilupp tal-bini" biss "li sejjer jigi mibni fuq l-art minnhom akkwistata" u mhux ghall-permessi sussegwenti t-twaqqigh u t-tlugh tal-bini mill-gdid; l-ahhar kuntratt ma jsemmi l-ebda hwienet u lanqas premessi ghall-hwienet;

"4. Minghajr pregudizzju ghall-premess, skond l-ewwel ftehim imsemmi hawn fuq, jehel hamsin lira kuljum "jekk xi hadd johloq problemi ingustament", u l-konvenut ma ffirmax ghax kien ga gie diversi drabi9 u serjament immolestat mill-attur u mill-parenti ta' l-attur (Dok A, B u C), konsegwentement l-azzjoni tal-konvenut kienet gusta;

"5. L-oggezzjoni tal-konvenut ghall-ftuh tal-hanut imsemmi fic-citazzjoni ma kellha l-ebda effett, tant li l-premess hareg xorta wahda;

"6. Salv eccezzjonijiet ohra."

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**4.** B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004, dik il-Qorti ddecidiet hekk:

"Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fl-assenza ta' cirkustanzi obbjettivi li jiddeterminaw l-interess ta' l-attur ghat-talba mitluba, tiddikjara *marte proprio* illi l-azzjoni ta' l-attur hi nieqsa mill-interess guridiku fuq il-bazi tal-kuntratt tat-3 ta' Novembru 1995, atti Nutar Dottor George Bonello Du Puis, u ta' l-iskrittura tad-9 ta' Ottubru 1995 annessa ma' l-istess kuntratt u formanti parti integrali mieghu;

"Fic-cirkostanzi, gjaladarba din il-kwestjoni ma gietx sollevata mill-konvenut fl-ebda eccezzjoni tieghu, l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti."

u dan wara li kkunsidrat hekk:

“Il-finalita` ta’ l-istanza prezenti hu li jigi dikjarat responsabbli, u ghalhekk kundannabbli, il-konvenut ghall-hlas tal-penali ghad-dewmien fl-ghoti tal-kunsens tieghu biex l-attur jinghata mill-awtorita` kompetenti l-licenzja operattiva mehtiega ghall-gestjoni tal-hanut tieghu;

“Bhala kawzali ghall-obbjett ta’ din id-domanda tieghu l-attur jippremetti fil-korp tac-citazzjoni, sostenuta minnu imbaghad fl- Affidavit tieghu (fol. 34), u spjegata wkoll f’ Nota (fol. 145), illi l-kondizzjonijiet li fuqhom qed jibbaza l-kawza huma l-kuntratt tat-3 ta’ Novembru 1995 (fol. 5) u l-iskrittura tad-9 ta’ Ottubru 1995, annessa ma’ l-istess kuntratt (fol. 11);

“Minn indagini kemm tal-kuntratt kif ukoll ta’ l-iskrittura jirrizulta minghajr ebda ekwivoku illi fihom l-attur ma kienx qed jidher f’ ismu personali izda ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` “Puci Company Limited”;

“Kienet din is-socjeta` li fl-imsemmi kuntratt ghamlet, flimkien mal-konvenut, espressa referenza ghall-ftehim milhuq bejniethom bl-iskrittura tad-9 ta’ Ottubru 1995. Skrittura din li fiha l-istess socjeta` ntrabtet flimkien mal-konvenut bil-kondizzjonijiet hemm elenkati, *inter alia*, il-patt numru 10 rigwardanti l-penali f’ kaz li xi hadd fost il-partijiet johloq problemi ngustament jew jostakola, jew ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet imposti;

“Minn dan premess u ezaminat huwa indubbju illi l-vinkolu guridiku ma sarx bejn l-attur personalment u l-konvenut izda bejn il-precitata socjeta` Puci Company Limited u l-konvenut. Konsiderazzjoni din li jidher li sfuggiet ghal kollox lill-konvenut li fil-verita` llimita ruhu biex jikkontesta l-meritu ta’ l-azzjoni. Dan minghajr ma talab permezz ta’ appozita eccezzjoni li jigi sew identifikat liema kien id-dritt spettanti lill-attur li jaghtih il-jedd ta’ azzjoni kontra tieghu;

“Issa hadd ma jiddubita illi l-Qrati huma accessibbli ghal kulhadd. Daqstant iehor pero` huwa indiskuss ukoll illi min jadixxi lill-Qrati ghandu juri li huwa ghandu dritt li gie vjolat lilu, jew li jigi lilu ri-stabbilit id-dritt hekk lez mill-

konvenut, u li allura permezz ta' l-azzjoni jista' jipprokura xi rizultament vantagguz jew skop utli;

"Dan in kwantu huwa pacifikament assodat illi presuppost specifiku ta' ezercizzju ta' l-azzjoni gudizzjarja – *actio nata* – hu l-interess guridiku;

"Kif korrettement gie rilevat, "*fu nondimeno sempre ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una precisa disposizione della legge in materia ... che base e misura di ogni azione giurdiziaria e` l' interesse in chi la istituisce e in chi la contesta, perche` se l' interesse e` una condizione sine qua non per il semplice intervenuto o per l' appello, e` tale con maggiore ragione per poter iniziare un giudizio*" – "**Giuseppe Micallef Goggi -vs- P. L. Emanuele Armando Mifsud *et***", Appell Civili, 11 ta' April 1930 (**Vol. XXVII P I p 495**);

"Fil-kaz taht konsiderazzjoni huwa indiskuss illi l-attur personalment ma ghandu l-ebda dritt x' jigi lilu rikonoxxut jew tutelat. Dan ghas-semplici raguni illi fih jonqos l-interess fuq imfisser. Interess li jrid ikun jezisti f'min jippromwovi l-azzjoni u li allura necessarjament irid ikun reali u attwali skaturiet minn lezjoni ta' dritt appartenenti lilu u ghalhekk f' dan is-sens id-dritt irid ikun ukoll personali ghalih;

"Mill-kuntratt u l-iskrittura li fuqhom l-attur iffonda l-bazi ta' l-azzjoni tieghu hu *in veste propria* ma jiffigura mkien u ghalhekk ma jistax jsostni illi minnhom tezisti relazzjoni ta' dritt privat mal-konvenut. Relazzjoni guridika li taghti *locus standi* lis-socjeta` rapprezentata minnu imma mhux ukoll lilu personalment. Ma jista' allura jezisti l-ebda ness guridiku bejn l-attur u l-konvenut fir-rigward tat-talba proposta mill-attur. U ghalhekk ukoll l-azzjoni tieghu, arginata fuq il-bazi tal-kuntratt u ta' l-iskrittura, ma tistax, u ma ghandhiex, iggiblu rizultament vantagguz u utli. It-termini ta' l-istess citazzjoni jeskludu dan l-interess fl-attur di fronte ghall-konvenut;

"Il-Qorti dehrilha bir-ragun li kellha tissolleva *marte proprio* il-karenza ta' l-interess fl-attur billi thoss li din hi kwestjoni

ta' ordni pubbliku li l-gudikant hu obbligat li jirrileva *ex officio*. Dan in omagg ghall-principju, superjuri anke ghall-interess privat tal-partijiet, illi l-gustizzja mhux semplicement tigi amministrata izda anke li din tkun qed tigi amministrata sew u skond il-ligi. Il-principju ta' l-interess guridiku, dirett, legittimu u attwali f' kull min jipproponi azzjoni jrid jigi allura skrupolozament imhares bis-solennita` procedurali kollha, anke jekk mhux sollevat mill-parti kuntrarja fil-gudizzju."

**L-appell tal-konvenut**

**5.** Minn din is-sentenza appella l-attur Kevin Chircop permezz ta rikors presentat fit-13 ta' Frar 2004 li permezz tieghu huwa talab ir-revoka tas-sentenza appellata u li minflok din il-Qorti tilqa' t-talbiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut. Hu ressaq 'l quddiem bazikament erba' aggravji. L-ewwel aggravju hu migjub f'dawn it-termini:

"Fl-ewwel lok l-ewwel Onorabbli Qorti, minghajr ma tat l-ebda opportunita` lill-partijiet, qajjmet il-kwistjoni tal-karenza ta' interess guridiku meta din bl-ebda mod qatt ma giet sollevata minn hadd u lanqas giet dibattuta. Ghall-anqas kien ikun xieraq biex jigu evitati spejjez illi l-Qorti, jekk tirravviza dan il-fatt, tghajjat lill-partijiet u titlob li jindirizzawha fuq dan il-punt legali li hija tkun sollevat, altrimenti l-kawza timxi fuq binarju li l-partijiet ma jkunux iriduha timxi u tispicca b'decizjoni inaspettata u li fiha ma kellhomx l-opportunita` li jesprimu ruhhom anke fuq dubju li setgha *(sic!)* ghamlet il-Qorti."

Aktar 'l quddiem fir-rikors tieghu, l-appellant jargumenta li hu kellu interess guridiku li jipproponi l-kawza f'ismu proprju, u jkompli hekk:

"Kevin Chirkop kien ukoll direttur tal-Kumpannija Puci`. Kieku l-ewwel Onorabbli Qorti gibdet l-attenzjoni minhabba xi perplessita` facilment kienet tintalab, kif ghad hemm id-dritt li jsir skond l-Artikolu 175(2) tal-Kap. 12, illi jizdied kwalifiki [recte: tizdied kwalifika] ta' Kevin Chircop kemm f'ismu proprju u kemm ghan-nom tal-kumpannija.

Ghal kull buon fini dan qed jintalab f'dan l-istadju, haga li hija possibbli wkoll, u l-partijiet kienu mexjin fuq dan il-binarju u t-tnejn kienu qed jaccettaw dan il-fatt u kienu qed jiddibattu biss l-interpretazzjoni tal-ftehim, imma mhux fuq dik il-bazi."

**6.** S'intendi, l-appellat hu ta' fehma kuntrarja. Fir-risposta tieghu huwa bazikament jghid li l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tissolleva l-kwistjoni tal-karenza ta' interess guridiku *marte proprio*, li l-appellant ma avanza ebda raguni legali ghala dik il-Qorti ma setghetx taghmel hekk, u li ebda talba kif qed jipproponi l-appellant – cioe` korrezzjoni skond l-Artikolu 175(2) imsemmi – ma hija permissibbli stante li tkun korrezzjoni "ta' xi haga li fuqha ga hemm sentenza mill-qorti ta' l-ewwel istanza."

**7.** Il-kwistjoni, ghalhekk, limitata ghall-mument ghall-ewwel aggravju, tohrog mill-fatt li fil-kuntratt tat-3 ta' Novembru 1995 (in atti Nutar Dott. G. Bonello du Puis), liema kuntratt huwa l-bazi tal-azzjoni, l-attur kien deher biss "ghan-nom u fl-interess tal-kumpannija 'Puci` Company Ltd' in forza tal-annessa risoluzzjoni markata 'A1'…" (ara l-kwalsola a fol 6 tal-atti), <u>u mhux f'ismu proprju</u>.

**8.** Issa, ma hemmx dubbju li l-ewwel Qorti, bhal, del resto anke din il-Qorti ta' l-Appell, setghet tqajjem *ex officio* il-kwistjoni tal-karenza ta' interess guridiku fl-attur, interess li jrid mhux biss jezisti fil-mument tal-promozzjoni tal-azzjoni izda li jrid ikompli jissussisti sa ma tinghata s-sentenza (ara, fost ohrajn, **Improved Design Limited v. Antoine Grima**, Prim Awla, 4/3/2004; **Veronique u Charmaine ahwa Amato Gauci v. Marco u Anna konjugi Zammit**, Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 19/5/2004; u **Cecil Pace et v. Emanuel A. Bonello pro et noe**, Qorti ta' l-Appell 24/9/2004). Il-mistoqsija li trid issir fil-kaz odjern, pero`, hija s-segwenti: meta tali kwistjoni titqajjem *ex officio* (u ghalhekk meta ma tkun giet moghtija la espressament u lanqas implicitament mill-konvenut, jew mill-attur fil-kaz ta' kontro-talba) din tista' titqajjem <u>wara li l-kawza tkun thalliet ghas-sentenza</u> u <u>minghajr ma l-partijiet</u> (specjalment il-parti li eventwalment tkun ser tigi direttament milquta

negattivament b'dik l-eccezzjoni) jkollhom l-opportunita` li jfissru l-fehma taghhom dwar l-istess kwistjoni? Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-punt, hu hi tal-fehma li meta tali eccezzjoni tigi sollevata *ex officio* mill-Qorti, din ghandha taghti l-opportunita` lill-partijiet li jesprimu l-fehma taghhom qabel ma tippronunzja s-sentenza (b'mod, ghalhekk, li jekk il-kawza tkun giet differita ghas-sentenza, il-Qorti ghandha tissospendi l-prolazzjoni taghha biex taghti l-imsemmija opportunita` lill-partijiet). Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza **Amato Gauci v. Zammit** (*supra*):

"Minn dan premess, jidher a prima vista illi mhux projbittiv ghall-Qorti li tissolleva hi stess il-karenza ta' l-interess fl-attur anke fil-kors tal-kawza li tkun miexja. Wiehed, pero`, jrid joqghod ferm attent u ma jitlifx di vista il-konsiderazzjoni illi l-kontestazzjoni hi bejn il-partijiet in kawza u allura l-Qorti ghandha tevita li tarreka pregudizzju lil xi hadd fost il-kontendenti. Dan fis-sens illi jekk il-Qorti tirrileva 'sua sponte' il-mankanza jew in-nuqqas tal-interess hi ghandha mbaghad taghti l-opportunita` lil parti li taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwarha u mhux semplicement tqajjimha, u tiddecidiha wkoll, hi stess fil-korp tas-sentenza…Hi l-fehma ta' din il-Qorti li anke f'dan il-kaz ghandha tirrikollega ruhha ghar-regola generali li tqis desiderabbli illi, kompatibilment mar-regoli procedurali u d-disposizzjonijiet tal-ligi, l-incidenti kollha li jqumu fil-gudizzju, kompriz allura l-kwistjonijiet tal-interess guridiku jew tal-karenza tieghu, jigu diskussi u trattati, anke permezz tal-prova debita, fl-istess gudizzju u mhux semplicement jibqghu serbati fil-'*forma mentis*' tal-gudikant li jkun qed jikkontempla l-eccezzjoni. Dan bl-iskop kawtelattiv li jigu skansati konflitti u pregudizzju zejjed kemm ghal xi parti fil-litigju kif ukoll fl-ahjar interess tal-gustizzja mal-partijiet."

**9.** Fil-kaz in dizamina b'ebda mod ma jista' jinghad li l-kwistjoni tal-karenza tal-interess guridiku giet b'xi mod imqanqla, imqar indirettament jew implicitament, f'xi eccezzjoni jew sottomissjoni tal-konvenut. Huwa veru li t-tieni eccezzjoni tieghu (*vide supra*) tibda bil-kliem generici "…it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u

ghandhom jigu respinti…", pero` imbaghad jinghataw tlett ragunijiet specifici (il-paragrafi 3, 4 u 5 fin-nota ta' eccezzjonijiet) ghala dawn huma hekk infondati fil-fatt u fid-dritt, u mkien ma tissemma' l-kwistjoni tal-karenza ta' interess. Addirittura l-ewwel Qorti kwazi canfret bil-pulit lill-konvenut li ma ttendiex b'dan, meta qalet: *"Konsiderazzjoni din li jidher li sfuggiet ghal kollox lill-konvenut li fil-verita` llimita ruhhu biex jikkontesta l-meritu ta' l-azzjoni. Dan minghajr ma talab permezz ta' appozita eccezzjoni li jigi sew identifikat liema kien id-dritt spettanti lill-attur li jaghtih il-jedd ta' azzjoni kontra tieghu."*

**10.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, jidher li ma hemm ebda utilita` li din il-Qorti tikkonsidra xi aggravju iehor.

**<u>Decide</u>**

**11.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tqieghed il-partijiet fl-istess posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel ma d-difensuri tal-istess partijiet ittrattaw fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2003 (meta l-kawza mbaghad thalliet ghas-sentenza); u konsegwentement tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din, wara li tisma' x'ghandhom xi jghidu l-partijiet dwar il-kwistjoni tal-interess tal-attur ghat-talba mitluba, tiddeciedi l-kawza skond il-ligi. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------